# TLIFNA LIL F.X. MANGION

Fl-ewwel ġranet ta' Diċembru, waqt li dan l-għadd ta' "Il-Malti" kien ġa fl-istampa qrajna għall-għarrieda li s-Sur Franz Mangion miet. Ma kienx ilu li attenda għall-aħħar seduta tal-Kunsill tal-Akkademja li tagħha kien membru. U wieħed mill-aħħar xogħlijiet li għamel qabel mewtu kienet kontribuzzjoni għal "Il Malti" bħala reċenzjoni u l-ġudizzju tiegħu fuq xi membri ġodda li talbu biex jidħlu bħala membri akkademiċi.

Is-sur Mangion kien bniedem magħruf biżżejjed f'Malta għax qatta' ħajtu kollha jaħdem għall-edukazzjoni ta' wliedna. Kien mgħallem fl-iskejjel primarji, kien surmast u mbagħad spettur fid-dipartiment tal-edukazzjoni. Kien jagħti l-privat, kien igħallem fil-Kulleġġ tat-Taħriġ tal-Għalliema u kien ukoll igħin l-iskola li s-sinjura tiegħu għandha ġo tas-Sliema.

Kien membru ta' diversi għaqdiet u kif ġa għedna kien membru akkademiku magħna minn Ottubru tal-1972. Dan l-aħħar kien ukoll membru tal-Kunsill u kien wieħed mill-iktar assidwi fl-attendenza u fil-kooperazzjoni tiegħu għal dak li jkun hemm bżonn. Kien inkarigat dan l-aħħar mill-Kunsill biex flimkien ma' Patri Karm Fenech, S.J., is-segretarju tal-Akkademja u editur ta' 'Il-Malti'' u mas-sur Frans Sammut membru ieħor tal-Kunsill, jiġbru antoloġija tal-aħħar novelli li deħru fil-Malti u oħra ta' l-aħjar essays.

Is-Sur Mangion kiteb bosta artikolu, novelli u poeżiji li hu ippublika f'diversi rivisti u xandar anki fuq ir-Rediffusion u Xandir Malta. Imma l-aqwa biċċa xogħol tiegħu li tibqa' torbtu mal-letteratura tal-Malti hija bla dubbju x-xogħol kbir u meħtieġ li hu wettaq meta qaleb għall-Malti l-poema ta' Milton, "Paradise Lost" li hu ippublika taħt l-Isem "Il-Ġenna Mitlufa." Biċċa xogħol li titlob mhux biss kapaċità fl-ilsien Malti imma ukoll fl-ilsien Ingliż u arti poetika ukoll. Dan kien ippublikat mill-Klabb Kotba Maltin u nistgħu naħsbu ta' liema sodisfazzjon kien għas-sur Mangion li jara ħidma li swietlu tant sabar u tant saħriet u għaraq tara d-dawl.

Mis-sur Mangion l-Akkademja tilfet membru ħabrieki, mhux biss tal-Akkademja imma anki tal-kunsill, tilfet membru li kien attiv u li kien jidħol għax-xogħol b'ruħu u ġismu. Aħna waqt li jisgħob bina għat-telfa tiegħu, nagħtu l-għomor kif ġa għamilna lill-familja tiegħu u nitolbu lill-qarrejja kollha jiftakruf'ruħu fit-talb tagħhom.